MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 888/2003

**Joseph Gauci.**

**vs.**

**Korporazzjoni Enemalta.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 29 ta' Awissu 2003 u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fil-15 ta' Gunju 2000 l-attur kien qed jahdem b'inkarigu tal-konvenut f'Busketto Road, ir-Rabat (Malta);

Illi waqt li l-attur kien tiela' ma' sellum li kien qed jistrieh ma' arblu tad-dawl biex jaghmel xoghol ta' manutenzjoni

fuq il-linja ta' distruzzjoni ta' l-elettriku, l-arblu proprjeta` tal-Korporazzjoni konvenuta ceda u nizel ghal isfel bis-sellum b'kollox.

Illi l-attur sofra danni ingenti b'rizultat ta' dan il-korriment, kif jirrizulta ahjar miz-zewg rapporti medici hawn annessi u mmarkati Dok. "A" u Dok. "B", liema korriment gara minhabba t-tort u jew negligenza u jew nuqqas ta' osservanza tal-prekawzjoni mehtiega da parti tal-Korporazzjoni konvenuta li ma pprovdietx *"a safe system of work"* u dan kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-Korporazzjoni konvenuta giet interpellata biex tersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofra l-attur izda baqghet inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-Korporazzjoni konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-
1. Tiddikjara illi l-Korporazzjoni konvenuta hi responsabbli ghall-incident li fih safa korrut l-attur fil-15 ta' Gunju 2000.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur minhabba dan l-korriment u dan *okkorrendo* bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta thallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Ottubru 2001 kontra l-Korporazzjoni konvenuta li hi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 2 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati bhala Dok. '"A" li huwa certifikat mediku rilaxxat minn Dr. Anthony Zrinzo bhala *Consultant Neurological Surgeon* datat 27 ta' Awissu 2001 fejn gie indikat li l-konvenut soffra minn dizabilita' permanenti kawza ta' l-istess incident fil-grad ta' hmistax fil-mija (15%) u Dok. "B" konsistenti f'certifikat mediku rilaxxat minn Dr. Raymond

Gatt *Orthopaedic Surgeon* datat l-1 ta’ Settembru 2002 fejn jindika li l-konvenut soffra minn dizabilita’ permanenti kawza ta’ l-istess incident fil-grad ta’ ghaxra il-mija (10%) kif jidher a fol. 4 u 7 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-5 ta’ Novembru 2003.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni Enemalta datata 26 ta’ Settembru 2003 a fol 15 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes *stante* illi l-Korporazzjoni konvenuta mhijiex responsabbli ghall-incident riferit li sehh unikament minhabba t-traskuragni, non kuranza u nuqqas ta’ attenzjoni u prudenza ta’ l-attur fl-adempiment ta’ xoghlu;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-Korporazzjoni konvenuta a fol 15 u 16 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-5 ta’ Novembru 2003 a fol 17 tal-process fejn dehret Dr. Lydia Zerafa ghall-attur. Sussegwentament deher Dr. Damien Degorgio ghall-Korporazzjoni konvenuta. Il-kawza giet differita ghal prezentata ta’ l-affidavits ta’ l-attur ghat-28 ta’ Marzu 2004; tas-26 ta’ Marzu 2004; u tat-30 ta’ Gunju 2004 ilkoll differiti ghal prezentata ta’ l-affidavits ta’ l-attur.

Rat in-nota ta’ l-attur **Joseph Gauci** datata 1 ta’ Lulju 2004 li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu kif jidher a fol 21 u mmarkat Dok ‘JG1’.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-2 ta’ Novembru 2004 a fol 33 fejn dehret Dr.

Lydia Zerafa ghall-attur prezenti u pprezentat tliet affidavits. Ma deher hadd ghall-Korporazzjoni konvenuta. L-attur talab in-nomina ta' periti medici u issuggerixxi ghal dan l-iskop lil Norbert Vella, konsulent fin-neurologia u Charles Grixti konsulent ortopediku. Il-kawza giet differita ghas-7 ta' Dicembru 2004 ghal prezentata ta' l-affidavit ta' l-attur u n-nomina ta' l-esperti medici.

Rat in-nota ta' **Joseph Gauci** pprezenta fit-2 ta' Novembru 2004 li permezz taghha pprezenta l-affidavits ta' **Christopher Portelli** kif immarkati bhala Dok 'JG2'**,** ta' **Jesmond Seguna** Dok 'JG3' u **Anthony Pace** Dok 'JG4'**,** kif jidhru minn fol 35 sa 38 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-7 ta' Dicembru 2004 a fol 40 fejn deher Dr. Damien Degiorgio ghall-Korporazzjoni konvenuta u qabel ma' l-esperti ndikati mill-attur. Il-Qorti nnominat lill-konsulent Mr. Norbert Vella (Neurologija) u Mr. Charles Grixti (Ortopediku) bhala esperti medici biex jirrelataw konguntament dwar id-dizabilita` allegata mill-attur. Dr. Degiorgio ta ruhu notifikat bl-affidavit ta' l-attur. Sussegwentament dehret Dr. Lydia Zerafa u pprezentat affidavit ta' **Carmelo Camilleri** b'kopja lill-kontro-parti u ddikjarat li l-attur ghalaq il-provi. Il-kawza giet differita ghall-15 ta' Frar 2005 ghar-rapport; tat-18 ta' Frar 2005 (fol 48) fejn deher l-attur assistit minn Dr. Lydia Zerafa u Dr. Vanessa Borg li assocjat ruhha fil-patrocinju tal-Korporazzjoni konvenuta ma' Dr. Damien Degiorgio. L-esperti medici gew awtorizzati jahilfu r-relazzjoni taghhom fir-Registru b'dan li z-zmien kontemplat fl-**Art 677 Kap 12** jibda jidekorri mis-seduta sussegwenti. Il-kawza giet differita ghat-18 ta' Marzu 2005 ghall-hlas u konferma tar-rapport; tat-18 ta' Marzu 2005 (fol 51) fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u deher l-attur. Deher ukoll il-konsulent Mr. Carmel Grixti u kkonferma r-rapport mediku. Il-kawza giet differita ghas-19 ta' April 2005 ghal konferma tar-rapport tal-konsulent Dr. Norbert Vella; u tas-19 ta' April 2005 fejn il-kawza baqghet differita ghat-18 ta' Mejju 2005 ghal konferma tar-rapport mediku mill-konsulent Norbert Vella.

Rat ir-rapport mediku a fol 53 tal-process, maghmul mill-Konsulent Mediku Dr. Norbert Vella u mill-Kirurgu Mr. Charles Grixti li gie pprezentat fir-Registru Superjuri fl-14 ta' Frar 2005 u mahluf fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2005 minn Mr. Carmen Grixti u fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2005 li halef ir-relazzjoni kongunta l-Perit Mediku Dr. Norbert Vella, fejn gie konkluz illi:- *irrizulta li fl-irkoppa x-xellugija kellu ticrita fil-meniscus li ghalija kellu bzonn operazzjoni u ghandu wkoll sinjali ta' ticrita fil-menicus tan-naha ta' barra ta' l-irkoppa l-leminja, u li ghalija bbukjat ghal operazzjoni ohra. Min-naha ta' dahru Gauci ma sofra l-ebda ksur izda strenja l-ligamenti tan-naha t'isfel tad-dahar (lumbo-sacrali).*

*L-MRI tas-sinsla lumbo-sakrali li ttiehed ghaxar xhur wara l-accident wera sinjali ta' digenerazzjoni fid-disks. Dan certament ma setax isir fi zmien qasir ta' 10 xhur.*

*Madanakollu, minhabba l-istrain li issa sar kroniku fil-ligamenti tan-naha t'isfel ta' dahru, kif ukoll, minhabba l-hsara forma ta' ticrit fil-meniscus, kemm fl-irkoppa l-leminija, u dik ix-xellugija, ahna nistmaw id-dizabbilta` li sofra Joseph Gauci kagun ta' l-accident li kellu fil-15 ta' Gunju 2000,* ***ta' ghaxra fil-mija (10%).***

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-18 ta' Mejju 2005 a fol 60 tal-process fejn dehru l-Perit Mediku Dr. Norbert Vella li halef ir-relazzjoni kongunta tieghu. Deher ukoll Dr. George Abela ghall-attur. Il-kawza giet differita ghas-7 ta' Ottubru 2005 ghall-ezami tar-rapport mediku u konkluzjoni provi ta' l-attur.

Rat in-nota tal-Korporazzjoni Enemalta datata 24 ta' Mejju 2005 a fol 61 tal-process li permezz taghha rriservat id-dritt taghha ghall-perizja perizjuri skond il-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-7 ta' Ottubru 2005 a fol 62 tal-process fejn deher Dr. George Abela ghall-attur li rrimetta ruhu ghar-

rapport mediku u ddikjara li l-attur kien iddikjara li ghalaq il-provi tieghu fis-7 ta’ Dicembru 2004. Il-kawza giet differita ghat-23 ta’ Novembru 2005 ghall-prezentata ta’ l-affidavits tal-Korporazzjoni konvenuta u provi *viva voce* ta’ l-istess; tat-23 ta’ Novembru 2005 (fol 63) fejn deher Dr. George Abela ghall-attur prezenti u deher Dr. Damian Degiorgio ghall-Korporazzjoni konvenuta li pprezenta zewg affidavits ta’ **Jesmond Agius** (fol 85) u **Anton Azzopardi** (fol 87) b’kopja lill-kontro-parti li rtiraha *seduta stante*. Xehdu **Antoine Busuttil** prodott mill-konvenuta, **Jesmond Agius** prodott mill-attur u in kontro-ezami u **Anton Azzopardi** prodott ukoll mill-attur u in kontro-ezami. Il-kawza giet differita ghat-8 ta’ Frar 2006 ghall-konkluzjoni tal-provi tal-Korporazzjoni konvenuta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk attwalment presjeduta tat-8 ta’ Frar 2006 a fol 90 tal-process fejn deher Dr. Damien Degiorgio ghall-Korporazzjoni konvenuta u ddikjara li ma kellux provi aktar ghall-istess. Dehru wkoll Dr. Lydia Zerafa u Dr. George Abela ghall-attur. Il-Qorti pprefeggiet terminu ta’ tletin (30) gurnata lill-attur biex jipprezentna n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom tletin (30) gurnata biex jirrispondu, mid-data tan-notifika tan-nota ta’ osservazzjonijiet, b’dan li jekk in-nota tal-Korporazzjoni konvenuta jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-attur. Il-Qorti dderigiet lill-attur biex fl-istess nota jikkwantifika l-ammont ta’ danni li qed jirreklama. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-3 ta’ Mejju 2006.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur Joseph Gauci datata 9 ta’ Marzu 2006 a fol 91 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Korporazzjoni Enemalta pprezentata fis-6 ta’ April 2006 a fol 101.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta tat-3 ta’ Mejju 2006 a fol 106 fejn meta ssejhet il-kawza Dr. Damien Degiorgio ghall-Korporazzjoni Enemalta. Dr. George Abela, Dr. Lydia Zerafa u l-attur issejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Ghal kull *buon*

*fini* Dr. Damien Degiorgio rrinunzja ghan-nomina ta' Periti Perizjuri (fol 61). Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-10 ta' Ottubru 2006.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attur qed ifittex lill-korporazzjoni konvenuta peress li qed isostni li fil-15 ta' Gunju 2000 l-attur kien qed jahdem b'inkarigu tal-konvenut f'Busketto Road, ir-Rabat (Malta) u waqt li huwa kien tiela' mas-sellum li kien qed jistrieh ma' arblu tad-dawl biex jaghmel xoghol ta' manutenzjoni fuq il-linja ta' distruzzjoni ta' l-elettriku, l-arblu proprjeta` tal-Korporazzjoni konvenuta ceda u nizel ghal isfel bis-sellum b'kollox; minhabba f'hekk l-attur jallega li sofra danni ingenti b'rizultat ta' dan il-korriment, kif jirrizulta ahjar miz-zewg rapporti medici hawn annessi u mmarkati Dok. "A" u Dok. "B", liema korriment gara minhabba t-tort u jew negligenza u jew nuqqas ta' osservanza tal-prekawzjoni mehtiega da parti tal-Korporazzjoni konvenuta li ma pprovdietx *"a safe system of work"* u ghalhekk l-istess attur talab lill-Korporazzjoni konvenuta tigi iddikjarata responsabbli ghall-incident li fih safa korrut l-attur fil-15 ta' Gunju 2000; talba li jigu likwidati d-danni sofferti minnu minhabba dan l-korriment u dan *okkorrendo* bl-opra ta' periti nominandi, u fl-ahharnett sabiex l-Korporazzjoni konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Illi l-korporazzjoni konvenuta tghid li hija mhux responsabbli ghall-istess incident u dan ghax isostni li l-korrimett ta' l-attur gara minhabba nuqqas u traskuragini da parte tieghu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur fil-15 ta' Gunju 2000 kien qed jahdem bhala *Assistant Distribution Tradesman*

fi.Busketto Road, Rabat, Malta u kellhu l-inkarigu li jaghmel manutenzjoni fuq il-linji ta’ distribuzzjoni ta’ l-elettriku, jghaddi linji ta’ distribuzzjoni ta’ l-elettriku, jaghmel *cables* ghall-servizzi godda u jwahhal brakets mal-hitan. Kien liebes l-ilbies prottettiv kollu provdut mill-korporazzjoni, inkluz s-*safety shoes, high visibility coat, safety belt u helmet.*

Illi sabiex jaghmel parti minn dan ix-xoghol konsistenti f’manutenzjoni partikolari ghamel sellum ma’ l-arblu tad-dawl proprjeta’ tal-Korporazzjoni Enemalta, kif necessarjament kellu jaghmel, u kif kien tiela’ mas-sellum l-istess arblu beda jcedi, bl-attur jipprova jinzel minn fuq is-sellum izda l-arblu ceda bil-konsegwenza li waqa’ ghall-isfel bis-sellum b’kollox, bir-rizultat li l-attur waqa’ ghall-isfel minn gholi ta’ cirka tlett metri u nofs, u spicca bil-qieghda fuq knaten tal-gebel b’irkobtu x-xellugija milwija u s-sellum fuq spallejh; mieghu kien hemm Anthony Pace, Christopher Portelli u Jesmond Seguna.

Illi dan gie kkonfermat fir-rapport dwar l-incident li gie esebit mill-attur bhala Dok. “C” fejn jinghad li *“he was climbing a ladder which was attached with a tension pole” “while he was climbing up the ladder attached with a pole, the pole broke up, he tried to go down and the last steps jumped on the d. Consequently he hurt his back”.* Hemm indikat li *“accident happened during the normal course of the employee’s duty” u li “accident was not due to any negligence on the part of the said employee any other person, or the Corporation”* u dan b’ittri *stenciled* kif jidher a fol. 25 tal-process. L-ufficjali inkarigat li ghamel ir-rapport datat 15 ta’ Gunju 2000 certu Carmelo Camilleri, *Principal District Officer* mal-Korporazzjoni konvenuta, kkonferma li l-attur kien liebes l-ilbies prottettiv.

Illi l-istess deskrizzjoni ta’ l-incident giet moghtija f’rapport lid-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali fejn jinghad li *“waqt li kien tiela’ ma’ l-arblu, l-arblu ceda, beda jipprova jinzel, u l-ahhar ftit skaluni kellu jaqbizhom”* u dan ir-rapport jinsab esebit bhala Dok. “D” .

Illi l-versjoni ta' l-attur kienet ikkonfermata mix-xhieda ta' Christopher Portelli, *Assistant Tradesman* mal-Korporazzjoni Enemalta datat l-1 ta' Novembru 2004 fejn jghid li:-

*"waqt li Joseph Gauci kien tiela' mas-sellum li kien qed jistrieh ma' l-arblu tad-dawl sabiex jaghmel ix-xoghol fuq il-linji ta' distribuzzjoni tal-elettriku, l-arblu ceda u nizel ghal isfel bis-sellum b'kollox. Joseph Gauci pprova jinzel malajr mas-sellum izda xorta waqa' ghall-isfel madwar tlett metri u nofs……".*

Illi din il-versjoni giet ikkorroborata wkoll mix-xhieda ta' Jesmond Seguna impjegat bhala *Assistant Tradesman* mal-Korporazzjoni Enemalta u mix-xhieda ta' Anthony Pace impjegat bhala *Lines Man* ma' l-istess Korporazzjoni Enemalta fl-affidavits rispettivi taghhom datati l-1 ta' Novembru 2004. Carmelo Camilleri impjegat bhala *Principal District Officer* mal-Korporazzjoni konvenuta fl-affidavit tieghu tad-9 ta' Novembru 2004 jikkonferma li kien inkariga lill-attur jaghmel l-istess xoghol u wkoll li wara l-incident inghata din il-versjoni u kien ghalhekk li hejja r-rapport datat 15 ta' Gunju 2000 u esebit f'dawn l-atti bhala Dok. "C" u jghid ukoll li *"Joseph Gauci dejjem qeda d-doveri tieghu b'mod diligenti u sodisfacenti".*

Illi l-attur jghid li l-arblu kien imsaddad u ma kienx fi stat ta' manutenzjoni tajba u jghid ukoll li wara l-incident tieghu l-Korporazzjoni bdiet tiehu prekawzjonijiet mehtiega meta tigi biex tpoggi l-istess arbli u dan billi jsir il-qatran u jsir il-konkos u jaraw li ma jkunx imiss mal-hamrija. Dan gie ikkonfermat mill-haddiema li kienu jassistu jew ma' l-attur fil-mument meta gara l-inicident izda fuq kollox mill-imsemmi Carmelo Camilleri li jghid fl-affidavit tieghu li *"ccekjajt l-arblu u nnutajt li dan kien imdawwar b'turbazz, ramel, u zrar u kien issaddad minn gewwa, iddeterjora u tqaccat minn mal-wicc tal-hamrija, bil-konsegwenza li kif hass il-piz ta' l-attur ceda u waqa' ghal isfel bih b'kollox".*

Illi l-istess ufficjal tal-Korporazzjoni konvenuta stess jghid li:-

*“Nghid ukoll illi fil-prezent, il-Korporazzjoni Enemalta ezaminat il-kondizzjoni tal-arbli tal-elettriku diga nstallati u dwarhom ittiehdu l-prekawzjonijiet mehtiega u issa qed jigu nstallati arbli galvanizzati u jaghmlulhom il-qatran mal-parti t’isfel li jkollha kuntatt mal-hamrija, sabiex b’jekk jevitaw incidenti simili”.*

Illi Jesmond Agius, impjegat mal-korporazzjoni konvenuta kkonferma wkoll fix-xhieda tieghu tat-23 ta’ Novembru 2005 li l-arblu wara l-incident huwa sabu mqaccat, u skond huwa tqaccat minhabba *“corrosion, kif imsaddad hafna”;* jghid li issa l-arbli huma galvanizati, u li qabel dan ma kienx issir tant li ddiskriva dan l-arblu bhala wiehed mill-antiki. Dwar x’jaghmlu sabiex jaraw jekk il-post fejn ikunu qed jahdmu l-haddiema ikunx sikkur u *safe,* qal li jaraw il-post, jaraw li l-haddiema ikollhom l-ilbies protettiv u ghodod, izda *“bhala arbli ma nduruhomx”.* Fil-fatt kompla jghid li sallum tali spezzjoni ghadha ma ssirx; jsostni biss li kien qed isiru tahdidiet biex jinxtara apparat biex attwalment jiccekkja l-hxuna tal-materjal ta’ l-arblu u sakemm xehed ma kienx jaf jekk inxtarax. Anna Azzopardi kkonfermat ukoll li l-istess arblu ma’ kienx galvanizzat u kien *corroded* u tghid li tant kienu dawn l-arbli antiki u tant kienu *corroded* illi kienu ta’ kulur skur hafna bis-sadid; qalet li bhala persuna fid-dipartiment tal-*Health and Safety* ta’ l-istess korporazzjoni ghamlet rakkomandazzjoni li tali arbli jigu verifikati minn enginier, izda ma jidhirx jekk din bdietx isehh jew le. Mill-bqija l-istess xhieda anke prodotti mill-korporazzjoni konvenuta kkonfermaw li l-istess attur wegga’ ghaliex waqa’ l-arblu minhabba li dan kien difettuz.

Illi minn din ix-xhieda kollha jirrizulta li bla ebda dubju li l-kawza ta’ l-incident in kwistjoni kien il-fatt li l-arblu tad-dawl proprjeta’ tal-Korporazzjoni Enemalta, li l-attur intbaghat biex jaghmel xoghol fuqu, kien fi stat hazin ta’ *corrossion,* tant li kien imsaddad sew, kemm minhabba nuqqas ta’ manutenzjoni, kif ukoll minhabba l-mod li kien imwahhal, ukoll b’kuntatt dirett mal-hamrija, u wkoll minhabba l-kwalita’ tieghu li lanqas biss kien galvanizzat; tant huwa minnu dan li jirrizulta mix-xhieda kollha prodotta li fil-fatt minn dak in-nhar ‘il quddiem jidher li l-mod kif

jitwahhlu l-arbli tbiddel bil-mod deskritt mill-istess xhieda kollha prodotti.

Illi jirrizulta wkoll u jidher pero' li la dak in-nhar u lanqas illum ma jsir l-ebda ezami sabiex qabel ma jsir xi xoghol fuq xi arblu, l-istess jigi ndikat jew ezaminat jew investigat minn qabel jekk dan l-arblu huwiex fi stat tajjeb, patikolarment sabiex jiflah certu piz; zgur li f'dak iz-zmien mertu ta' l-incident tal-kawza odjerna dan ma kienx isir u ghalhekk jidher car li dan l-incident sehh minhabba l-istat hazin li kien fih l-istess arblu, li kien fi stat hazin ta' manutenzjoni; jirrizulta wkoll li ma' kienux qed jigu adoperati lanqas mezzi idoneji sabiex tali arbli jkunu u jibqghu stabbli; gie wkoll ippruvat li kienu jintbaghatu mpjegati fuq il-lant tax-xoghol mill-istess korporazzjoni bla ma l-istess korporazzjoni taghmel xi forma ta' ezami sabiex tara li l-ambjent fejn kien ser isir ix-xoghol, u f'dan il-kaz fejn kien ser jahdem l-attur kienx wiehed *safe;* jidher li din il-prekawzjoni qatt ma inhadet fil-kaz in ezami izda minkejja dan l-istess Korporazzjoni xorta wahda ordnat lill-attur sabiex jaghmel xoghol fuq l-istess arblu, liema xoghol kien jinnecessita' li l-attur jitla' ma' l-istess arblu b'sellum, haga li huwa ghamel bil-konsegwenzi ndkati, anke ghaliex ma kellux lanqas mezzi ohra sabiex jaghmel tali xoghol.

Illi minn dan kollu jidher li l-istess korporazzjoni naqset mill-obbligu taghha li tipprovdi post u ambjent sikur li fih jistghu jahdmu bla perikolu l-haddiema taghha, anzi jidher li bin-nuqqasijiet taghha, nkluz dak li taghmel ezami jew spezzjoni semplici sabiex tara minn qabel li l-post u l-ambjent fejn ikun ser isir ix-xoghol huwa wiehed *safe*, (li jinkludi wkoll li jigi ezaminat l-istat ta' l-istess arblu, inkluza l-hxuna tieghu, kif inhu imwahhal, ta' liema materjal huwa, l-istat ta' *corrission* tieghu, u jekk jiflahx ghal xoghol fuqu), jidher li ma sarx u ghalkemm minn dak in-nhar ta' l-incident sallum certi prattici hziena tbiddlu, jidher li xorta wahda qabel isir xoghol fuq xi arblu dan baqa' ma jigix ezaminat; lanqas huwa car jekk illum certu makkinarju, anke biex wiehed jezamina l-hxuna ta' tali arblu li jkun ser isir xoghol fuqu, (almenu sal-mument li l-impjegati tal-korporazzjoni xehdu fil-kawza), huwiex almenu disponibbli

u dan in-nuqqas kollu huwa certament ghad-dannu ta' l-impjegati ta' l-istess korporazzjoni, li b'hekk tkun qed tpoggi lill-istess adetti taghha f'posizzjoni ta' perikolu potenzjali jekk mhux perikolu attwali.

Illi dan huwa konformi ma' dak li gie deciz fit-30 ta' April, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Bugeja vs Anthony Falzon et pro et noe"** (P.A. (N.A.) - Citaz. Numru 664/8/NA) fejn intqal hekk:-

*"Dan l-artikolu (993) fuq kwotat igib bhala wiehed mill-obbligi effett ta' dawn il-kuntratt l-obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet fuq ix-xoghol li jassiguraw is-sahha tal-haddiem fl-ambjent tax-xoghol tieghu".*

Illi jigi relevat li *ai termini* tal-Att biex jippromwovi s**-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol - Att Numru VII ta' l-1994** fl-**artikolu 2 (2)** tal-istess jinghad li:-

*Artikolu. 2 (2) (a) "Illi huwa dmir ta' min ihaddem lil xi persuna ohra li jizgura li l-post fejn isir ix-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita' fizika u psikologika tal-haddiema".*

*Artikolu.2 (2) (b) "Huwa dmir ukoll ta' min ihaddem li jizgura illi kull process ta' xoghol imqabbad minnu jkun hieles minn kull sogru bla bzonn ghas-sahha u minn kull perikolu li jista' jigi evitat ghall-inkolumita' fizika u psikologika tal-haddiema impjegati minnu u ta' haddiema impjegati minn xi persuna li lilha jkun qabbad xi xoghol, sew jekk tkun persuna li timpjega lilha nnifisha, kuntrattur jew sub-kuntrattur".*

Illi tenut kont tal-principju stabbilit fis-sentenza **"Joseph Bugeja vs Anthony Falzon"** (P.A. 30 ta' April 1997), reitterata fis-sentenzi **"Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et nomine"** (A.C. 7 ta' Dicembru 1994); **"Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine"** (P.A. 12 ta' Frar 1999); **"Emmanuel Felice vs Freeport Terminal p.l.c."** (P.A. (RCP) 27 ta' Gunju 2002); **"Carmel Baldacchino vs Freeport Terminal p.l.c."** (P.A. (RCP)

27 ta’ Frar 2002); u **“Anton Debono vs Law Qunitano”** (P.A. (RCP) 24 ta’ Marzu 2000) il-Qorti sostniet illi bl-applikazzjoni tal-artikoli appositi, huwa obbligu ta’ min ihaddem biex jipprovdi kondizzjonijiet li jassiguraw is-sahha tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol tieghu. Tal-istess portata hija s-sentenza ricenti **“Robert Camilleri vs Malta Shipbuilding Company Limited”** (P.A. (AJM) 26 ta’ Frar 2001) fejn inghad li s-socjeta’ konvenuta ghandha tinzamm responsabbli meta ma tiehux hsieb li tipprovdi ambjent li jassikura s-sahha tal-haddiem.

Illi ghalhekk, isegwi li min ihaddem ghandu l-obbligu li jizgura ruhu li l-ambjent tax-xoghol huwa tali li l-impjegati tieghu ma jkunux esposti ghal risjki inutili. Fil-kawza fl-ismijiet **“Joseph Cini vs George Wells et nomine.”** (Citaz. Numru 766/93 NA) deciza fid-29 ta’ Mejju 2001, intqal li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta’ incident li jippregudika lill-impjegati tieghu.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li mill-gurisprudenza recenti tistabbilixxi inekwivokabilment li min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem u f'dan ir-rigward issir riferenza wkoll ghall-kawzi fl-ismijiet **“John Sultana vs Francis Spiteri et noe”** (K. 28 ta’ Mejju 1979); **“Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et noe”** (A.C. 7 ta' Dicembru 1994); **“Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine”** (P.A. 12 ta’ Frar 1999) u **“Joseph Cini vs George Wells proprio et nomine.”** (P.A. 29 ta’ Mejju 2001) fejn fl-ahhar decizjoni citata inghad:-

*“illi l-konvenuti naqsu mill-obbligu taghhom li jipprovdu kundizzjonijiet fuq il-post tax-xoghol intizi biex jipprotegu s-sahha tal-haddiem. Huma kellhom jipprovdu sistema ta' supervizjoni fuq il-haddiema intiza sabiex jigu evitati incidenti bhal ma gara fil-kaz odjern. Vide wkoll **“Michael Fenech vs Sammy Meilaq nomine”.** (P.A. (DS) 23 ta’ Ottubru 2001**); “John Sultana vs Francis Spiteri et nomine”** deciza fit-28 ta’ Mejju, 1979, mill-Qorti tal-*

*Kummerc; **“Emanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et nomine”** (A.C. 7 ta’ Dicembru 1994), **“Joseph Bugeja vs Anthony Falzon”** (P.A. 30 ta’ April 1997), u **“Carmel Cini vs Carmel Caccopardo nomine”** (P.A. (NA) 5 ta’ Ottubru 1999).*

Illi fil-kawza deciza minn din il-Qorti fis-16 ta’ Lulju 2001 fl-ismijiet **“Julie Scicluna pro. et. noe. vs Sammy Meilaq nomine et.”** (Citazzjoni numru 11/92 DS) gie ribadit li min ihaddem ghandu jipprovdi *“a safe system of work”* u *“a safe working environment”.* Dan id-dover jinkludi d-dover li l-makkinarju u l-istrutturi provduti minn min jaghti x-xoghol ghandhom jigu regolarment mantenuti u mizmuma hielsa minn difetti u mankanzi u ovvjament dan japplika ghall-arblu li kellu jsir ix-xoghol fuqu mill-attur f’din il-kawza.

Illi f’din il-kawza saret referenza ghal ***Munkman*** li fil-ktieb tieghu **“Employer’s Liability at Common Law”** (7th ed. 1971, Butterworths, p. 129) jelenka diversi modi kif l-*employer* jista’ jonqos milli jwettaq l-obbligi tieghu:-

*“1. It may be that the employer has done nothing at all to carry out his obligations.*

*2. In the second place, the employer may have been informed of a defect or danger, but done nothing to remedy it.*

*3. Thirdly, the employer, knowing of a defect in his plant or premises, or of a danger in the course of the work, may have taken inadequate measures to eliminate and reduce the risk.*

*4. Fourthly, though the employer does not know that anything is wrong, it may be that he ought to know – that is, he could have found out by reasonable care.”*

Il-Qorti apparti dan hija tal-fehma li l-korporazzjoni konvenuta ma rnexxiliex tipprova li l-attur b’xi mod ikkontribwixxa ghall-incident, jew li huwa seta’ b’xi mod jevitah u dan jirrizulta wkoll ikkonfermat mix-xhieda tat-tlett

impjegati li kienu ma' l-attur waqt l-incident u wkoll tal-persuna li qabdet lill-attur jaghmel l-istess xoghol, il-Principal tieghu Carmelo Camilleri, li zgur li kieku kien jaf b'tali perikolu ma kienx jibghat lill-attur u lil shabu jaghmlu dan ix-xoghol; fil-verita' il-korporazzjoni ma tistax tirnexxi bl-eccezzjonijiet taghha meta wiehed jara ppruvat b'mod mill-iktar konsistenti n-nuqqasijiet kollha taghha f'dan l-kaz, li gew addirittura kkonfermati mix-xhieda prodotti minnha stess, tant li dawn ammettew li ma kienu jsiru u lanqas qed isiru ebda ezamijiet sabiex jindikaw s-sahha u l-istat ta' l-arbli tad-dawl almenu qabel ma' jsir x-xoghol fuqhom; dan apparti li kien nuqqas ta' l-istess korporazzjoni li taghmel ix-xoghol sew tat-twahhil ta' l-arblu u wkoll in-nuqqas taghha li taghmel manutenzjoni denja u kif titlob is-sengha ta' l-istess.

Illi f'dan il-kuntest issir riferenza ghal dak li nghad mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et nomine."** (Citazzjoni numru 275/88) deciza fis-7 ta' Dicembru 1994 fejn irriteniet l-oneru tal-prova li l-impjegat kien negligenti jaqa' fuq min ihaddem:-

*"U dan sabiex jaghmel tajjeb ghal din l-aljenazzjoni ta' attenzjoni, prudenza u ghaqal, li jsofri haddiem industrijali, proprju ghaliex dik l-aljenazzjoni tkun fil-maggoranza tal-kazijiet, indotta mill-istess natura tal-attivita'".*

Illi dan il-principju gie spjegat ukoll fil-kawza **"Borg vs Wells"** (deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru 1981) fejn gie ritenut illi:-

*"In planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless in works involved in their daily work, u dan tenut kont ta' l-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol u nuqqas ta' haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu".*

Illi sabiex ma jkun hemm l-ebda ekwivoku dwar dak li qieghda tghid il-Qorti, jerga' jigi ribadit li fil-fehma taghha

ma rrizulta fl-ebda mod li l-impjegat seta’ evita dan l-incident jew li huwa kkontribwixxa ghalih. Fil-fatt mar biex jaghmel ix-xoghol li kellu jaghmel fuq ordni tas-superjuri tieghu u tali xoghol kellu jsir necessarjament billi jintuza sellum sabiex l-attur jitla’ ma l-istess arblu anke ghaliex ma nghata l-ebda apparat iehor sabiex jitla’ ma’ l-istess; hadd mill-korporazzjoni, impjegati taghha li kienu mieghu, jew mill-principali tieghu u anke mid-dipartiment tal-*Health and Safety* ta’ l-istess Korporazzjoni ma ndikalu li tali xoghol kien ser ikun perikoluz ghaliex l-arblu kien fi stat hazin; dan ma sarx anke ghaliex l-istess korporazzjoni qatt ma ezaminat l-istat ta’ l-istess arblu qabel baghtet il-haddiema taghha sabiex jaghmlu tali xoghol, u jidher li s-sitwazzjoni ghadha hekk sallum; li gara minn dak in-nhar huwa li inbiddlu certi prattici, fosthom li l-arbli jkunu galvanizzati, u wkoll bil-mod kif jitwahhlu l-istess arbli, li ghalkemm pass il-quddiem, xorta ma jidhirx li huwa il-pass kollu necessarju sabiex jigi eleminat perikolu li jista’ jkun prevedibbli, nkluz li tigi ezaminata il-kundizzjoni ta’ l-istess arblu bil-mezzi idonei qabel ma’ jsir tali xoghol fuqu.

Illi dan il-principji gew ribaditi wkoll fis-sentenza **“Kevin Mallia vs Alfred Mizzi & Sons (Marketing) Limited”** (P.A. (T.M.) 9 ta’ Ottubru 2003) u **“Francis Busuttil vs Sammy Meilaq nomine”** (P.A. (PS) 9 ta’ Dicembru 2002) fejn inghad illi min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragjonevoli ta’ sikurezza ghal min ikun qed jahdem u dan gie segwiet konstantament fil-gurisprudenza inkluz fil-kawzi fl-ismijiet **“John Sultana vs Francis Spiteri et nomine”** (K. – 28 ta’ Mejju 1979); **“Carmelo sive Charles Galea vs Albert Mizzi et nomine”** (A.C. – 23 ta’ April 2001) u **“Il-Pulizija vs Pawlu Spiteri”** (Vol. XLV.iv.984) fejn inghad illi huwa obbligu ta’ min ihaddem li perjodikament jara li kondizzjonijiet ta’ l-attrezzi, apparat, makkinarju, u l-oggetti li jkunu ser jigu uzati mill-haddiema, jew li jkunu ser jahdmu fuqhom, ikunu fi stat tajjeb u ma jkunux ta’ perikolu ghall-istess haddiema u dan ghaliex jekk ma jsirx dan huwa naturali u facli li jesponu lill-istess impjegati ghall-incidenti li setghu jigu evitati kieku ma kienx hemm tali negligenza ta’ min ihaddem li jara li l-addetti tieghu jkunu qed jahdmu f’ambjent li wiehed ragonevolment kellu jqis li hu sikur. Din

il-manutenzjoni ma ghandhiex issir wara li jinqala' l-incident izda ghandha ssir dejjem sabiex jigi evitat tali incident. F'dan il-kaz din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li l-korporazzjoni kienet ghal kollox negligenti bil-mod kif inghad u kien tali nuqqas li tipprovdi post sikur li kkawza l-incident lill-attur.

Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi ghal dak li jirrigwarda *lucrum cessans*, fir-rapport ta' l-esperti medici jirrizulta li r-rata ta' dizabilita' sofferta mill-attur bhala konsegwenza ta' l-incident hija fil-grad ta' 10%.

Illi l-introjtu ta' l-attur meta sehh l-incident kien ta' erba' t'elef u hames mitt lira Maltija (Lm4,500) fis-sena (kif jidher ghas-snin 1998, 1999, 2000 - Dok. "E" sa Dok. "G") u kien kellu sahra u *allowances* ta' Lm350 fis-sena, apparti x-xoghol *part-time* li kien irrendilu fis-sena 2000 l-ammont ta' Lm916 u skond huwa fis-sena 1998 – Lm1,084. Illi din il-Qorti thoss abbazi tal-provi prodotti ghandha timxi fuq l-ammont ta' Lm5,766 (Lm4,500 + Lm350 + Lm916 = Lm5,766).

Illi meta gara l-incident l-attur kellhu 39 sena u l-*multiplier* ghandu jigi kkalkulat minn dak in-nhar ta' l-incident skond kif ikkonfermat fis-sentenza **"Evan Xuereb vs Vincent Spalding et"** (P.A. (JRM) 10 ta' Lulju 2003) u **"David Farrugia vs George Sammut"** (P.A. (TM) – 9 ta' Dicembru 2004 u fid-dawl tas-sentenzi ricenti nkuzi dawk indikati fejn jinghad li fil-kaz ta' *multiplier* l-Qorti ghandha thares lejn l-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji, u meta wiehed jikkonsidra dak li jissejhu bhala *"the chances and changes of life"* u fid-dawl ta' decizjonijiet ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited"** (P.A. (RCP) 25 ta' Jannar 2000) u **"Lizio Agius vs Bernard Grech"** (P.A. (RCP) 31 ta' Jannar 2002) ser tadopera *multiplier* ta' tnejn u ghoxrin (22) sena ghal *working life expectancy*. Ghalhekk illikwidat d-danni kif gej:-

- Lm5,766 x 22 x 10% = Lm12,685.20

In vista tal-gurisprudenza recenti mbaghad, *in vista* tal-fatt li ghaddew sitt (6) snin minn meta sehh l-incident u b'riferenza ghas-sentenzi **"Angelo Galea vs Joseph D'Agostino et"** (P.A. (JSP) 16 ta' Dicembru 1996) u **"Olga Busuttil et vs Raymond Muscat"** (P.A. (GCD) 6 ta' Gunju 1997) u **"Arthur Bonello nomine et vs James Camilleri et"** (P.A. (JSP) 13 ta' Jannar 1998) u **"Darren Sammut vs Eric Zammit"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001) la darba ghaddew sitt snin mid-data tal-incident it-tnaqqis ghall-*lump sum payment* ma ghandux ikun ta' iktar minn 6% b'dan ghalhekk li l-ammont fuq indikat ghandu jinzel b'Lm761.11 ghall-Lm11,924.09.

Illi dwar l-ammonti ta' Lm990 bhala spejjez medici, l-istess attur ma ressaq l-ebda prova hlief id-Dokumenti "A" u "B" li huma cerifikati rilaxxati rispettivament minn Dr. Anthony Zrinzo u Mr. Raymond Gatt, li certament l-attur ikkonsulta, izda apparti dan prova ta' l-ispejjez l-ohra ma hemm xejn mill-atti processwali u ghalhekk *arbitro boni viri* din il-Qorti ser izid ma' l-istess ammont is-somma ulterjuri ta' Lm100 bhala spejjez ghall-istess konsulti, b'dan ghalhekk li s-somma ta' danni li qed tigi likwidata favur l-attur hija dik ta' tnax-il elf, u erbgha u ghoxrin lira Maltija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u disa' centezmi (Lm12,024.09).

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-Korporazzjoni konvenuta hi responsabbli ghall-incident li fih safa korrut l-attur fil-15 ta' Gunju 2000.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur minhabba dan il-korriment fl-ammont ta' tnax-il elf, u erbgha u ghoxrin lira Maltija u disa' centezmi (Lm12,024.09).

3. Tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta thallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati fl-ammont ta' tnax-il elf,

u erbgha u ghoxrin lira Maltija u disa' centezmi (Lm12,024.09).

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Ottubru 2001 kontra l-Korporazzjoni konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------